MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2700/2002

**Vincent Galea**

**Vs**

**Carmel Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' mitejn u erbatax-il lira Maltija u sitta u disghajn centezmu (Lm214.96), danni kagunati fil-vettura Suzuki Super Carry bin-numru DBA 068 f'incident tat-traffiku li sehh fl-4 ta' Settembru 2001 fi Triq San Luqa kantunier ma' Triq Santa Monika, Pieta' mill-vettura Toyota Starlet bin-numru EAE 905.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Il-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti ghal mod kif sehh l-incident.

2. It-Tribunal huwa tal-fehma li r-responsabbilta ghall-incident huwa tal-konvenut. Mill-provi rrizulta li:-

[a] l-vettura ta' l-attur [DBA 068] kienet qeghda quddiem dik tal-konvenut [ara fol. 11 u 12 ta' l-iskizz].

[b] Iz-zewg vetturi kienu jinsabu fi Triq San Luqa.

[c] iz-zewg xufiera riedu jiksru ghal gewwa Triq Santa Monika.

3. It-Tribunal jemmen li l-incident sehh meta l-konvenut ipprova jaghmel manuvra ta' sorpass minn fuq gewwa hekk kif il-vettura ta' quddiemu kienet qeghda tikser ghal gewwa Triq Santa Monika. Manuvra li zgur ma kellhiex issir u kien ferm imprudenti min-naha tal-konvenut li jittanta jaghmel manuvra f'dik il-parti tat-triq u minn fuq in-naha hazina.

4. Dwar id-danni, dawn ma gewx ikkontestati u jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u erbatax-il lira Maltija u sitta u disghajn centezmu (Lm214.96) danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fi Triq San Luqa kantuniera ma' Triq Santa Monika u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Spejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------